# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**DIGRIET**

**Illum 19 ta' Mejju 2022**

Fl-atti tat-Talba Nru: **6/2021 JG**

Fl-ismijiet

**Burmarrad Commercials Ltd**

**Vs**

**Leo Majdi Dufour**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tas-soċjetá attriċi datat l-20 ta' April 2022[1] permezz ta' liema talbet li jiġi mħarrek uffiċjali ta' Expatriates Unit sabiex jipprovdi informazzjoni dwar l-indirizz tal-konvenut, u dan stante ir-raġuni mogħtija għar-riferta negattiva tal-ewwel tentattiv ta' notifika tal-Avviż promotur;

[1] Rikors jibda a fol 10 tal-proċess.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi bħala punt ta' tluq tajjeb jiġi osservat li l-artikolu 12(2) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jrendi esegwibbli fi proċeduri quddiemu dak li jrid l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa propju għalhekk li fid-digriet inizjali, hekk imsejjaħ digriet tal-*primo appuntamento,* dan it-Tribunal jagħmel referenza għal dan l-artikolu hemmhekk ukoll.

Illi għalkemm s'issa ma wasalx l-istadju li ssir n-notifika permezz ta' pubblikazzjoni u affissjoni, huwa tajjeb li jiġu senjalati xi punti minn issa. Ikun utli, li jiġi ċitat b'mod partikolari l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jgħid hekk:

> *Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta'skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew* ***il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf,*** *il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u,* ***meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu***

> ***notifikati**. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.**(enfasi tat-Tribunal)***

Illi minn qari taċ-ċitata dispożizzjoni (magħdud ma dak li jrid l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kollu) jirriżulta ċar li fis-sistema tagħna jeżistu żewġ metodi ta' notifika. Jew dik diretta, u allura l-lok fejn n-notifika issir huwa irrilevanti[2], jew dik indiretta, li imbagħad trid li tiġi segwita proċedura stipulata. L-Għan aħħari wara dan kollu huwa li persuna imħarrka tkun kemm jista jkun mgħarfa bi proċeduri li nbdew kontriha.

Illi sa issa, peress li sar tentattiv wieħed biss, għadu fis-seħħ dak li jrid l-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mir-riferta jirriżulta li l-intimat m'għadux joqgħod fir-residenza magħrufa. Issa, strettament, b'antiċipazzjoni għal dak li jista jiġri f'każ ta' tentattivi oħra negattivi, ma jirriżultax minn qari akkurat tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li dan huwa ta' xkiel sabiex wieħed jipproċedi għall-affissjoni u pubblikazzjoni[3]. Madanakollu, dak l-istess artikolu jrid li sa fejn huwa hekk possibbli Qorti (f'dan il-każ Tribunal) għandu jara li kemm jista jkun intimat ikun

---

[2] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Victor Bezzina et vs L-Avukat Dr. Emanuel Bezzina et,** (App Ċiv Nru: 4/2009/2) mogħtija mill-Qorti tal-Apppell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Novembru 2011. Ta min wieħed jispeċifika li din is-sentenza ingħatat qabel l-emendi magħmula permezz tal-Att nru. IV tas-sena 2016.

[3] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Sive Pierre Falzon Et Vs Francis Mamo Et,** (Rik Maħluf Nru: 277/2018 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-13 ta' Lulju 2021 (attwalment pendenti appell)

irċieva dak l-att. Huwa propju minħabba din l-aħħar parti lit-Tribunal sejjer jilqá t-talba sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa, għaliex dan jista biss ikun t'għajnuna sabiex il-konvenut jirċievi l-Avviż tat-Talba.

Illi għalhekk iqis li jkun ferm aktar għaqli li tinġieb din l-informazzjoni.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jilqa' t-talba magħmula fir-rikors tal-20 ta' April 2022 u jawtorizza lis-soċjetá attriċi tħarrek lill xi rappreżentant fit-taqsima tal-Expatriates Unit fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta, Valley Road, Msida sabiex tipprovdi l-informazzjoni mitluba.

Spejjeż riservati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur